# AVVIŻI

1. Fl-aħħar fuljett (No. 24) irringrazzjajna żewġ persuni li rtiraw u m'għadhomx membri tal-Kumitat. Irridu wkoll nirringrazzjaw lil Mons. Amante Buontempo u lil Sr. Roża Balzan għall-kontribut li huma dejjem jagħtu kemm fi ħdan il-kumitat kif ukoll fil-Moviment tagħna.

   Nieħdu din l-okkażjoni biex nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li fl-imgħoddi ħabirku fi ħdan il-Moviment u taw, huma wkoll il-kontribut siewi tagħhom.

2. Mrs Mary Rose Bonnici ġiet co-opted fil-Kumitat il-ġdid, bħala Assistenta Segretarja tal-Kumitat. Mary Rose għal żmien twil kienet il-kaxxiera.

3. Navżaw li s-sitt ktieb mis-sensiela "It-Twaqqif ta' Titular Ġdid", bil-Malti, jinsab għall-bejgħ. Tistgħu tixtruh mill-Grigenti waqt il-laqgħat ta' Talb jew mingħand is-Segretarja jew tavżaw lill-editur ta' dan il-fuljett biex jibgħatulkom bil-posta, meta tħallsu tal-ispejjeż; iktbu lil: Bro. Victor Privitera, Stella Maris College, Gżira.

4. Imħabba n-nuqqas ta' spazju, ir-rapporti ta' grazzji maqlugħa jiġu ppubblikati f'numru ieħor ta' dan il-fuljett.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 25 JANNAR 1996 JITQASSAM BLA ĦLAS

*1996*
*Xewqat mill-Isbaħ għas-Sena l-Ġdida*
*lit-Tesserati kollha tal-Moviment*
*Madonna tal-Konsagrazzjoni*
*u*
*lill-Qarrejja kollha ta' dan il-Fujett*

*Lil Ġuża Mifsud*
*nixtiequ jum hieni*
*mimli grazzji tas-sema*
*u xewqat ta' ħajja twila ta' ħidma spiritwali*
*fl-okkażjoni ta' għeluq sninha*
*fis-27 ta' Jannar 1996*

# IT-TALB TAGĦNA - 2

### Il-kuntatt spiritwali ma' Alla

It-talb għandu jgħaqqadna ma' Alla. Kull talba hija kuntatt miegħu, u aktar ma dan il-kuntatt ikun intimu u sħiħ aktar it-talb ikun tajjeb. Għalhekk Ġesù qalilna;"... meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk u itlob lil Missier li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu". (Mt, VI, 6). Dan kollu jfisser li l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu, biex it-talb ikun tassew talb, hi li nikkonċentraw il-ħsieb tagħna fuq il-preżenza ħajja ta' Alla. Bħala Missier li jħobbna u jrid jgħinna, Huwa dejjem magħna b'interess kbir f'kull ma hu ta' ġid veru għalina. Alla jogħxa bil-ferħ (nitkellmu ta' bnedmin li aħna) meta jarana naħsbu fih u nuru l-qima, l-imħabba u l-fiduċja tagħna lejh.

### "Nitolbu fil-moħbi"

Dan ifisser li għandna nitolbu bl-ispirtu tagħna, b'qalbna.

Il-kliem huwa biss il-mezz li nfissru l-ħsibijiet tagħna; xejn aktar. Il-kliem waħdu, jekk m'hemmx il-kuntatt tar-ruħ tagħna ma' Alla (jew il-Madonna) it-talb tagħna ikun qisu ġisem bla ruħ.

Għalhekk meta nitolbu, nagħmlu kif qalilna Ġesù; infittxu li nuru lil Alla kemm nixtiequ nadurawh, inħobbuh u li rridu nagħmlu ħilitna biex ir-rieda tiegħu issaltan fina, fil-familja tagħna u fid-dinja. Naraw fiex aħna qegħdin nonqsuh u x'qiegħed itellifna s-saltna tiegħu fina u f'ħaddieħor. Nitolbuh maħfra u ngħidulu jtina l-għajnuna tiegħu biex nikbru fil-fidi u fl-imħabba tiegħu u tal-proxxmu tagħna.

### X'talb qegħdin nagħmlu?

Aħna wisq superfiċjali fit-talb tagħna. Inħaddmu xofftejna, imma moħħna jkun 'il bogħod minn Alla; naħsbu f'kollox minbarra dak li nkunu qegħdin ngħidu. Hemm wisq x'ifixkilna: ix-xogħol u l-problemi tal-familja, il-ġrajjiet ta' kuljum, it-tentazzjonijiet li ma jonqsu lil ħadd, speċjalment illum, bl-iskandli kull fejn iddawwar wiċċek. Irridu nagħmlu sforz serju kull darba li nibdew it-talb tagħna (ikun li jkun: smigħ tal-quddies, tqarbin, rużarju, meditazzjoni jew ngħidu xi talb li nafu bl-amment...) biex inwarrbu kull ħsieb barrani li m'għandux x'jaqsam mat-talb li qegħdin nagħmlu. Nerfgħu moħħna lejn Alla biex nisguraw li l-kuntatt miegħu iseħħ tul il-ħin kollu li jdum it-talb tagħna. Nitgħallmu nużaw ukoll l-intoppi u d-dwejjaq tagħna, il-mard u tbatijiet oħra, biex nitkellmuhom mal-Mulej u norbtu dejjem il-ħtiġijiet tagħna mar-rieda mqaddsa tiegħu.



# "L-ISKJAV TAL-MADONNA"

minn korrespondent

Qegħdin fi żmien meta jingħad ħafna diskors fuq l-iskjavitù tax-xitan, il-biża' tas-sataniżmu, il-possessjoni tal-ħażin u l-ossessjoni tal-okkult.

Għal din l-iskjavitù tad-dlam hemm jasar qaddis li jwassal għal ħelsien sħiħ tar-ruħ: l-iskjavitù lejn Ġesù permezz ta' Marija. F'din id-dinja, sid l-iskjav kellu kull dritt fuq l-ilsir tiegħu, saħansitra fuq ġidu u ħajtu; imma ma setax jaħkem lil ruħu. L-iskjav tal-Madonna joffrilha lilu nnifsu kollu kemm hu, ġisem u ruħ bil-merti kollha li jista' jkollu quddiem Alla, biex hija tiddisponi minnhom kif trid hi għall-akbar glorja t'Alla u l-ġid tal-erwieħ.

Għalhekk l-iskjav tal-Madonna irid ikollu ġenerożità kbira biex jgħix ħajja nisranija tal-ogħla kwalità u joqgħod għal dak kollu li l-Madonna tkun trid minnu.

Il-qaddis Grignon de Montfort kiteb trattat, fuq il-jasar tan-nisrani lejn il-Madonna, li jispiċċa b'Att ta' Konsagrazzjoni bħala "Skjav ta' Marija". Imħabba nuqqas ta' spazju f'dan il-fuljett se tidher il-parti prinċipali biss ta' din il-konsagrazzjoni.

Tkun ħaġa tajba jekk qabel ma ssir din ir-rabta mal-Madonna, wieħed jieħu l-parir tal-konfessur.

Tista' tixtri ktieb li jismu: *"Trattat dwar id-devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka"* fejn din id-devozzjoni hi spjegata mill-qaddis De Montfort stess.

### ATT TA' KONSAGRAZZJONI

"Jiena N. (għid ismek) midneb u nfidil, inġedded u nwettaq f'idejk il-wegħdiet tal-Magħmudija tiegħi; jien nirrinunzja għal dejjem lil satana, lill-pompi u x-xogħlijiet misħuta tad-demonju u nagħti ruħi u ġismi lil Ġesù Kristu, Għerf Inkarnat, sabiex inġib warajja s-salib tiegħi kull jum ta' ħajti, u ħalli nkun iżjed u iżjed sinċier miegħu milli qatt kont sa llum.

"Jiena nagħżlek illum, quddiem il-*Qorti Ċelesti* kollha bħala Sidti u

bħala Ommi, ja Marija! Jien nikkonsagralek, bħala skjav u lsir tiegħek, ġismi, ruħi, il-ġid materjali u l-merti tiegħi kollha, il-valur ta' l-atti t-tajba tiegħi kollha, taż-żmien l-imgħoddi, taż-żmien preżenti u taż-żmien li għad irid jiġi, u nħallilek id-dritt kollu u assolut sabiex tiddisponi minnhom u minni mingħajr ebda eċċezzjoni ta' xejn skond ma tixtieq u skond ma trid int għall-ikbar glorja t'Alla, issa fiż-żmien u għall-eternità.

Aċċetta, ja Verġni ħanina, din l-offerta żgħira tiegħi bħala lsir, għall-unur u mas-sottomissjoni li l-Għerf Etern ried ikollu lejn il-kbira Maternità tiegħek; bħala turija ta' rispett lis-setgħa li intom it-tnejn għandkom fuq dan id-dudu miżerabbli u fuq l-imsejken midneb; u fl-aħħarnett bħala ringrazzjament għall-privileġġi kbar li s-Santissima Trinità għoġobha tiffavorik bihom.

"Nagħtik kelma li mil-lum 'il quddiem jien irrid infittex l-unur tiegħek u nobdik f'kollox kif jixraq lili ta' skjav tiegħek li jien.

"Ja Omm Ammirabbli, ippreżentani 'l Ibnek bħala lsir etern, ħalli bħal ma fdieni talli offrejtu inti 'l Alla għalija, hekk ukoll jaċċettani bħala skjav tiegħu permezz tiegħek.

Amen.

# Siltiet mid-diskors ta' Ġuża Mifsud fil-laqgħat ta' talb il-Girgenti

**miġbura minn Dr. Sylvana Spiteri**

## AWISSU 1995

F'din il-ġurnata mqaddsa u għażiża minn tallum infakkru l-*Birthday* tas-Sinjura tal-Ħajja. Xi żmien ilu kienet qaltli li l-5 ta' Awissu u l-15 ta' Awissu huma festi kbar għaliha... Minn kemm ilha li telgħet hawn is-Sinjura tal-Ħajja ngħidilkom li nqalgħu ħafna u ħafna grazzji kbar kemm spiritwali u kemm temporali. Kemm fejqet nies il-Madonna hawn fuq b'affarijiet spiritwali li għalkemm ma jidhrux huma akbar minn fejqan tal-ġisem. Nies li jkunu mbegħdin minnn Alla u l-Madonna



tgħinhom biex jersqu lejn l-Ewkaristija, tagħtihom grazzja li tlaqqagħhom ma' saċerdot.

Ngħidilkom li fil-lejl tas-Sibt 29 ta' Lulju, l-Madonna qaltli, "Jiena nixtieq li tibda xxerred id-devozzjoni lejn ommi Sant'Anna. Tant jinqalgħu grazzji b'isimha. Għidilhom biex jaħsbu ħafna fuq din ommi li ġabitni fid-dinja, b'ħafna talb."

## 27 TA' AWISSU 1995

Kif ġie rrappurtat fil-Fuljett nru. 24, saret laqgħa ta' tpattija il-Ħadd 27 ta' Awissu għal dak id-diskors ta' żeblih li sar waqt l-Assemblea Ġenerali fis-16 ta' Lulju 1995 u s-sakrileġġ li twettaq fuq l-istatwa tal-Madonna fil-lejl tal-Ħadd, 27 ta' Awissu.

Fid-diskors tagħha Ġuża qalet, "Jiena tant kont ħsiebni hawn ilbieraħ, imma s-Sinjura tal-Ħajja urietni ħaġa oħra. Minn dak il-ħin il-Madonna qaltli, "Intefa' hawn fejn l-artal fejni u itlob għalihom ħalli bħalma Kristu minn fuq is-salib qal lil Missieru, "Mulej aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" għid din l-istess kelma ukoll għal dawk li ġew jagħmlu dan il-vandaliżmu miegħi. Dawn veru li ma ħadu xejn... Għandkom ħafna dlam ġo Malta. Mhux kif qegħdin jgħidu li Malta żgħira u t-tajjeb qiegħed jinħeba u jidher il-ħażin. Malta ħżienet kif ħżienu artijiet oħra. Kieku jiġi San Pawl bħalissa jagħti l-aqwa ċanfira lil Malta... Għid lil dawk li qegħdin miegħek, dawk ta' rieda tajba, li l-messaġġ għalkemm b'ħafna tbatija imma qiegħed jinxtered aktar milli jridu xi wħud għaliex fih hemm l-għaqda tat-tliet persuni tas-Santissima Trinità flimkien miegħi. Ippridkaw l-evanġelju u l-verità, ippridkaw l-imħabba u l-paċi."

Ħbieb, noqogħdu attenti mill-ġustizzja ta' Alla. Jew il-Mulej jaħfrilna u jgħinna u jagħtina dak li għandna bżonn u ma jiġrux affarijet fuqna jew timtela Malta bis-sajjetti u nintefgħu fuq Filfla kulħadd. Jiena noqgħod ħafna attenta li ma nitkellem xejn imma hemm ħafna affarijiet koroh ippreparati kemm għal fuqna u kemm fuq bnadi oħra...

## SETTEMBRU 1995

Fil-bidu tad-diskors tagħha Ġuża qalet, "Kemm jista' jkun nagħmlu dak l-att spiritwali li trid il-Madonna, agħmlu dak l-att ta' Konsagrazzjoni

fid-dar tagħkom ħalli l-Madonna tgħinkom, il-Madonna tqaddiskom, il-Madonna tużakom u tagħtikom dak kollu li għandkom bżonn kemm spiritwali u kemm temporali u tbierek lil Malta tagħna, tbierek lill-Issqfijiet tagħna...

Jiena x-xejn aħjar minni imma dan il-Mulej ġabuli minn kmieni illi jiena ma nistgħax ngħid Ave Marija għalija waħdi, irrid noffriha għal kulħadd... kollox għall-proxxmu tiegħi u għal Malta u għad-dinja kollha speċjalment fejn hemm il-gwerer... Jiena din il-ġimgħa kelli xi ħaġa mal-Madonna u qaltli ħafna biex nitlob għal x'imkien, jiena ma tiġix għal ilsieni, jiena ħa ngħidilha tal-Medjugorje. Kif stajt nifhem mill-Madonna il-gwerra mhux tnaqqas qegħda imma żżid. Qaltli, 'Ma jistgħux jiltaqgħu għax ma jafdawx f'Alla... imma jafdaw fihom infushom, ma jużawx lill-Mulej Alla l-ewwel...'

Nitolbu ħafna biex inkunu eżatti fl-imħabba tagħna lejn it-tliet persuni tas-Santissima Trinità u ma noqogħdux ninħlew fuq il-ħajja ħażina li qed jgħaddi ħaddieħor. Il-ħajja ta' dak il-bniedem li jkun max-xitan hija ħajja moħlija..."

Bħala tpattija għall-att vandalu li sar fuq l-istatwa, Ġuża qalet li l-Madonna qaltilha, "Jekk jista' jkun issa mhux bħal meta tkun ġejja festa tal-Madonna u jippreparaw in-nar u l-banda. Issa hemm bżonn li ssir velja ta' talb, jekk jista' jkun mhux għal Malta biss imma għad-dinja kollha biex ma jsirux dawn l-atti ħżiena. Bit-talb iridu jitranġaw dawn l-affarijiet... Binti, jiena dan id-dlam ma rridu mkien. Qiegħed isir ħafna dlam, jinqerdu ħafna nies, hawn ħafna nies li qegħdin jitilfu ħajjithom minħabba l-gwerer, dawn it-tfal innoċenti li qegħdin jinqerdu bl-abort... Qalbi mtertqa b'dawn l-affarijiet meta niftakar li Ibni Ġesù ħa passjoni bħal dik mat-toroq tal-Kalvarju... Bata hu u batejt jien...

Lilek jittantak id-demonju u tirbaħlu kull ħin u kull mument, iżda lil dak ir-raġel li għadek kemm rajt beda jagħmillu, 'U dik ġebla dellek u ħammeġ'.

Ngħidlek li l-istatwa tiegħi tal-Girgenti hija bħal dawk l-istatwi li huma ppreżentati fil-knejjes kollha b'ħafna glorja għaliex kont jiena li għidtlek biex ittellgħani hemm fuq... Rigward dak il-bniedem li tant għamel affarijiet baxxi, jiena mis-sema dort fuqek biex inti titlob għalih ħafna għaliex Alla ma jridx il-mewt tal-midneb imma li jgħix u jikkonverti, jersaq l-ewwel lejn saċerdot u mbagħad lejn l-Ewkaristija għaliex jekk imur fl-abbissi ta' l-Infern ikun mitluf għal dejjem. Bħalu hawn ħafna ġo Malta għaliex Malta issa saret f'kollox ħaġa waħda bħal li hemm 'il barra minn Malta tagħkom."



Jien ngħidilkom illi jiena x'ħin kelli dawk il-ftit minuti tal-Madonna u rajtu imqabbad ma' dik l-istatwa bdejt ngħid, "Kemm hu kbir Alla, imma kemm Inti kbir Alla," għaliex dak il-bniedem kieku Alla ma ħennx għalih u dak il-ħin tah ħass ħażin u miet, kien imur ġo l-abbissi ta' l-Infern imma Alla urieh il-ħniena.

## OTTUBRU 1995

Ġuża qalet li s-Sibt 30 ta' Settembru kellha viżżjoni oħra ta' San Ġużepp. "Tant rajtu divin, fuqu kellu tonika tant kienet sabiħa u fl-id il-leminija kellu t-tarbija divina... fl-id l-oħra kellu bastun li fih kien hemm ġiljuwa bajda sabiħa. Dan San ġużepp qalli, "Għażiża Binti, il-qawwa tal-Mulej ippermettietlek ħafna affarijiet sbieħ u divini. Fil-passat meta konna fid-dinja aħna, jiena u s-Sinjura tal-Ħajja flimkien mal-Mulej Ġesù, kien hawn ukoll tħarbit u ħażen. L-għira waslet biex l-Iben t'Alla li ġie biex jagħti l-paċi fid-dinja u jgħaqqad in-nies bl-imħabba, ineħħuh mid-dinja... F'dan iż-żmien id-dinja kollha għaddejja minn kalvarju kbir ta' dlam, ta' ħażen... Itlob ħafna għall-bżonnijiet tal-Knisja, għall-bżonnijiet tar-rappreżentanti tal-Knisja b'mod speċjali għall-Papa. Ir-rappreżentanti tal-ġnus iduru kontra t-tajjeb, lit-tajjeb ma jistmawhx u qegħdin joqtlu u jwarrbu ħafna nies li huma ta' rieda tajba. Ħa ngħidlek li dawn l-affarijiet kważi qegħdin isiru kullimkien, fid-dinja kollha għaliex ħadd minnhom ma jsejjaħ lill-kbir Alla, biex Alla jirrenja l-ewwel u qabel kollox imma ħa ngħidlek li ħafna minnhom lanqas jafuh.

Fittex tella l-istatwa ta' Ġesù kif rajtu jbati u mill-aktar fis agħmel l-istatwa tiegħi ukoll... Irreferi ħafna għall-paċi... Il-Mulej Ġesù ġie fid-dinja biex iġib il-paċi, l-għażiża Madonna qegħda tidher biex iġġib il-paċi fid-dinja... Itolbu u ishru intom il-Maltin li intom ta' rieda tajba, li intom magħqudin mal-Knisja Kattolika. Id-dinja fadlilha ftit ieħor f'dan it-tħarbit..." Kif stajt nifhem, id-dinja u Malta għad baqalhom jgħaddu minn xi dlam iżda jekk nitolbu u nishru, il-Mulej ma jdumx ma jkaxkar lix-xitan u jitfgħu f'postu darba għal dejjem.

---

Ibagħtu l-korrispondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: Editur "Leħen il-Girgenti" Bro. Victor Privitera, F.S.C., Stella Maris College, Gzira.